Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-ERBGHA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 ta' Frar 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.45pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **SKUZAT** | **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| | **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | | Sur | RALPH CASSAR |
| | | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| | **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgha. Is-Sur Galea Cavallazzi pprezenta kopja ta' petizzjoni li l-originali ha tigi pprezentata l-MEPA u li huma xtaqu l-ghajnuna tal-Kunsill ghax f'din l-area ha jinbnew xi 500 appartament u l-ammont ta' residenzi ha jizdiedu. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill Lokali ha jkun all out warajhom u bi hsiebu jekk dejjem ir-residenti jridu, jipprezenta din il-petizzjoni dirett lill-Prim Ministru u lic-Chairman is-Sur Austin Walker. Is-Sur Joe Baldacchino qal li suppost din l-area kienet parti min-Natiional Park. Is-Sinjorina Luisa Gauci Baluci qalet li din tifforma parti miz-*zoning* li giet riveduta fl-ODZ u harget mill-MEPA. Resident qal li parti mill-art fiha applikazzjoni biex din tiddahhal ghaz-*zoning*. Is-Sinjorina Luisa Gauci Baluci qalet li hemm parti minn din l-area li hi barra u huma li qed ghamlu hu li japplikaw ha jaraw f'din il-parti fejn jista' jibena. Is-Sur Quintano qal li hu dahal fil-*website* 'Ghall-Ambjent Ahjar' u f'din kien hemm parti fejn riedu jaraw x'impatt ha jkollha din ir-*rationalisation* fuq l-Ambjent. Hu kompla billi qal li kulhadd ghamel sagrificcju biex jibni u diga' hemm l-inkonvenjent tal-bini gholi u kull wiehed fil-kuxjenza tieghu jghid qed nibnu fil-gholi biex insalvaw l-eghlieqi imma lanqas din issa mhu qed ihallu ghax qed jibnu fil-firxa. Is-Sur Cavallazzi qal li l-attendenza llum hi wahda mhix tas-soltu u turi kemm in-nies iridu l-ghajnuna tal-Kunsill. Is-Sinjura Carmen Saliba qalet li diga' hemm problema bid-drenagg ta' l-Ambaxxata Amerikana u li gherqu fl-ahhar xita li ghamlet ahseb u ara jekk jizdiedu dawn ir-residenzi kollha x'impatt se jkun hemm fuq id-drenagg. Hi qalet li girien taghha ma tawhiex permess biex tibdel ir-residenza taghha u allura issa ghalfejn ha jaghtu permess faccata. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ha jappoggja r-residenti imma m'hemmx garanzija li ha tghaddi tal-Kunsill. Hu qal li kull min hu madwar il-mejda hu konxju ta' x'qed jigri madwar H'Attard. Is-Sur Spiteri qal li sentejn ilu l-Kunsill kien ghamel kampanja u ssemmew ghaxar punti u r-residenti ta' Mario Cortis qalu li kulhadd qed ibiegh u meta pprotestaw hu u s-Sur Cordina ma tuzzana nies qassmu 600 karta imma l-binjiet xorta nbnew u l-MEPA baqghet tohrog permessi bla waqfien. Ghalhekk irid ikun hemm l-appogg tar-residenti. Din trid tkun xi haga organizzata bil-mod. Is-Sur Pierre Vassallo qal li sas-6 ta' Marzu kulhadd jista' jidhol fuq l-internet u jaghmel oggezzjoni jew jintbaghtu ittri l-MEPA. Is-Sur Vassallo qal li l-applikazzjoni nqalghet u tpoggiet fi triq ohra biex ma taghtix fil-ghajn. Is-Sur Vassallo kompla billi qal li fl-ebda mappa tal-Mepa ma tidher li hi fid-*developoment zone,* li *arable* land ma tigix inkluza fir-*rationalisation* u ma tidhirx fil-kabinett u t-tielet li *areas* bhal dawn ma jkunux inluzi fid-*Development Zone*. Is-Sinjorina Luisa G Baluci qalet li s-Sur Vassallo ghandu zball, diga' hemm xi plots li huma within the *development zone*. L-Onorevoli David Agius qal li kulhadd irid jifhem li fit-2006 harget parti minn din l-area ghall-bini bhalha *bungalows* u PC tfisser li f'din l-area hemm applikazzjoni biex minn *bungalows* tinbidel l-iskema biex jinhareg

permess ghall-appartamenti, *maisonettes*, jinbidel l-*alignment* u anki bhalha floors. Min irid individwalment minghajr ma taghtu raguni jitfa' oggezzjoni jista' jaghmel dan u jircievi ittra biex dakinhar tas-seduta tkunu tistghu twasslu r-ragunijiet taghkom. Is-Sur Cassar qal li diga' hemm kawza l-Qorti fuq din imma l-Qorti nafu li jdumu biex jaslu ghall-decizjoni imma ahna bhala alternattiva irridu naraw x'impatt dan il-bini ha jkollu fuq l-ambjent. Il-Perit Alex Cutajar qal li certi argumenti bhal oggezzjoni li ha nerqu mhux sa jkunu validi u li jridu jkunu konsistenti fl-oggezzjonijiet taghhom. Is-Sur Agius qal li ghall-gharar l-Ambaxxata hemm reservoir enormi, fethu trinka biex jitfa dirett ghall-Wied u t-tindif tal-Wied ha jghin biex ikun hemm flow ahjar u jispicca finalment fil-progett li qed iniedi l-Gvern ghall-Imsida. Il-Perit Alex Cutajar qal li l-oggezzjoni taghna ghandha tkun biex mill-mitluf niehdu xi haga. Is-Sur Agius qal li minn hawnhekk ma rridux immorru bl-impressjoni li din l-area ha tinbena, ghax din ha tinbena, imma li ma jinbnewx dawk l-appartamenti kollha u li hemm 110 plots li b'kollox jigu xi 550 appartament. Is-Sur Licari fakkar lis-Sur Agius li hu kien ilu joggezzjona mal-Kunsill fuq l-ammont ta' hamrija li tinzel Victor Vassallo meta taghmel ix-xita. Is-Sur Quintano qal l-ebda struttura tal-Gvern inkluz l-iskejjel m'ghandhom bir. Is-Sur Agius spjega u wera fuq il-pjan ta' razzjonalizazzjoni kif il-proposta nbidlet mill-applikazzjoni originali u ccekknet l-area u regghet iccekknet mill-Kabinett.

Resident iehor intalab jesprimi ruhhu.
Is-Sur Caruana beda jitkellem fuq il-petizzjoni li giet ipprezentata l-Kunsill fuq tabella li twahhlet fi Triq il-Mosta/Pjazzetta. Is-Sur Caruana saqsa x'decizjoni ha tittiehed mil-Kunsill fuq il-petizzjoni li giet ipprezentata. Is-Sur Caruana staqsa jekk sarietx talba formali lill-ADT u qal li meta tkellem ma' l-ADT qal li m'hemmx permess ghaliha. Is-Sur Cordina qal li din kienet temporanja tehel u tinqala' bhal ma jsir meta jkun hemm xi attivita' u ghal din it-tabella m'hemmx ghalfejn permess ta' l-ADT minhabba li t-tabella *free standing* li provda l-Kunsill bdiet titnehha kull darba u titpogga wiccha mal-hajt oppost. Hawn is-Sur Caruana stqarr li t-tabella hu kien qed inehhiha ghax hass li din kienet qed issir bla bzonn u ta' nkonvenjent. Is-Sur Caruana oggezzjona ghall-fatt li t-tabella twehhlet b'mod permanenti. Is-Sur Cordina hawn qal li s-Sur Caruana kien qed jizbalja meta kien qed jaqbad it-tabella u jnehhiha. Is-Sur Bonnici staqsa ghaliex qed titqies bhala talba permanenti? Is-Sur Cordina rega' spjega li din it-tabella kienet bil-katnazz tehel u tinqala'. Fl-istess hin wara l-ispjegazzjoni is-Sur Bonnici ta' x'jifhem li hu jaqbel mal-oggezzjoni tas-Sur Caruana. Is-Sur Cordina rega' tenna li hu kellu talba mis-Segretarju tal-Klabb sabiex huma jkunu jistghu inizzlu l-panjers. Is-Sur Caruana saqsa allura ghalfejn dan ghandu bzonn *un/loading bay* biex inizzlu bicca panjer. Is-Sur Cordina qal li s-Sur Frankie Vella kien dahal medjatur ghax xi nies qalulu li saghtejn *too much* u s-Sur Cordina mar il-Kazin u tkellem ma' min ghamel it-talba. Is-Sur Caruana qal li jekk hu jkun gej minn gurnata xoghol mhux sa joqghod johrog biex inehhi l-karozzi siegha, saghtejn jew nofsiegha u jekk din terga' tehel jaqlaha hu stess. Il-Kunsill Lokali ha jiddiskuti dan l-item x'hin tasal il-korrispondenza.

Prezenti ghall-laqgha kien hemm membri tal-Koperattiva Kummerc Gust i.e. *World Fair Trader Organisation*. L-ideja tal-progett hi li l-Kunsilli Lokali jinfurmaw il-pubbliku fuq il-faqar u l-partecipanti jkunu jridu jattendu xi laqghat barra u ha tiehu hsieb kollox l-EU. Bhalissa din ghadha fuq a concept level. L-ghan hu li l-*Fair Trade* toghin lill-pajjizi fqar u *Millennium Development Goals* sabiex id-dinja tohrog mill-faqar u ahna s-sinjuri prezenti xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill jixtieqx jew huwiex interessat. Is-Sur Spiteri qal li fil-principju il-Kunsill jaqbel.

Prezenti ghall-laqgha kien hemm ukoll is-Sur George Farrugia, President ta' l-AAC. Is-Sur Farrugia rringrazzja lill-Kunsill tal-ghajnuna li l-Kunsill ta lill-Klabb tul dan l-ahhar ghaxar snin u ghad-dizgwid li nqala' fl-ahhar race. Hu qal li hu ddispjacut li fit-tqassim tat-trophies kellu jinqala' dan kollu ghax hu dejjem sostna li t-tqassim isir mis-Sindku, Vici-Sindku u l-Kunsillier inkarigat mill-Isports biss u mhux Kunsilliera ohra. Hu qal li hu ddispjacut ukoll li dakinhar ta' l-ahhar tlielaq is-Sur Bonnici ghajru li kien imkecci min Haz-Zebbug meta kulhadd jaf li huma kienu telqu min Haz-Zebbug di buona volonta' taghhom u wara li tkellmu mas-Sur David Agius li dak iz-zmien kien membru tal-Kunsill. U qal li hu gie mitlub jaghmel apologija bil-miktub lis-Sur Zammit u l-Kunsill u t-tghajjir li qala hu minghand is-Sur Bonnici fl-ahhar tellieqa ta' Frar ma jisthoqx apologija lilu allura.

Is-Sur Zammit qal li fis-27 ta' Settembru hu ma kellmux. Semplicement qallu li ma jistax jipprezenta trophies ghax hu qatt ma jghin f'xejn u jigi biss biex iqassam. Hu qal li dakinhar qaghad kwiet u telaq l'hemm ghax ma kienx jaf li l-Kunsill jisponsorja t-trophies u wara ressaqha Kunsill kif suppost. Is-Sur Farrugia qal li hu jirrizerva d-dritt li jara kif se jmorru fit-tellieqa li jmiss u wara fil-kaz il-Kunsill jiddiskuti mal-Klabb kollu.

Is-Sur Spiteri qal li l-mertu ta' dan kollu hu li meta jkun hemm talba minghand il-klabb il-Kunsill dejjem jisponsorjhom u li meta kellhom bzonn dejjem sabu l-ghajnuna ghax wara kollox dan hu klabb tal-Kunsill. Is-Sur Farrugia rringrazzja lil kulhadd u pacifikament id-dizgwid kien maghluq.

Fl-ahhar tkellem is-Sur Philip Camilleri resident fi Triq Hannibal imma li ghandu wkoll residenza fi Triq il-Mosta. Hu talab sabiex titwessa l-bankina quddiem il-dar tieghu fi Triq il-Mosta, b'nofs pied sabiex il-mara tieghu tkun tista' jkollha access ahjar. Din it-talba se tigi kkunsidrata wara li l-Kunsill jara jekk jghaddix it-trakk ta' l-iskart.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra anonima fuq skart mitfuh fil-kantuniera ta' Triq Karm Debono ma' Triq Tumas Dingli min xi bejjiegh. Ittri anonimi ma naghtux kashom. Is-Sur Spiteri qal li hdejn il-Bring-in Site ta' Triq Dun Mikiel Xerri hemm xi hadd qed jitfa' z-zibel. Is-Sur Cassar qal li kwazi kull weekend qed jintefghu numru ta' kaxxi bl-imbarazz hdejn il-Bring-in Site ta' l-iskola. Is-Sur Cordina qal li tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv u qed innizzlu l-film. Is-Sur Cassar qal li kien hemm ilment fuq il-Bring-in bank ta' Triq Lorenzo Manche'. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li tkellmet mar-residenta in kwestjoni u iccarat il-kwistjoni li din kienet ha tkun bank wahda. Is-Sur Cordina saqsa pero' jekk jistghux imexxu ftit ta' Triq Tumas Chetcuti. Is-Sur Cassar qal li ahjar ma nibdewx incaqalqu ghax noholqu precedent. Kulhadd qabel.

🗁 E-mail minghand Raymond Micallef rigward DVD u ktieb li se jitqassam b'xejn lit-tfal tar-raba sena f'Kullegg San Nikola. Il-Kunsill kien ghen b'sponsorship fil-pubblikazzjoni.

🗁 E-mail minghand Rita Agius toggezzjona fuq il-Bring-in Site fi Triq Lorenzo Manche ghal diversi ragunijiet moghtija fl-istess e-mail.Din ga giet ikkjarifikata.

🗁 Ittra minghand is-Sur Roger Clark u residenti ohra rigward il-problema persistent ta' Triq il-Mingel. Il-Kunsill ghandu jikteb lill-Bitmac Limited.

🗁 E-mail minghand is-Sur A. Cachia Caruana rigward sistema ta' Pelican Lights fi Triq il-Pitkali quddiem il-Conimex fejn hemm iz-zebra ezistenti.

🗁 E-mail mill-MEPA fuq applikazzjoni PC00066/09 sabiex isiru oggezzjonijiet min-naha tar-residenti/Kunsill sas-6 ta' Marzu 2010.

🗁 Ittra anonima li bghat il-Kunsill rigward ir-riciklagg li fuqha hedmm miktub bl-idejn x'se jsir fuq l-applikazzjoni PC 00066/09.

🗁 Petizzjoni mir-Residenti tat-toroq Mosta/Pjazzetta sqaq Nru 1 u 2 rigward tabella bil-hin (5.30pm – 8.00pm) li saret quddiem il-Kazin il-gdid tal-hamiem sabiex f'dawn il-hinijiet ma jsirx parkegg. Is-Sur Cordina qal li l-hin kien eccessiv u naqqasna l-hin u Frankie Vella talab biex naslu ghall-kompromess imma kif rajtu r-residenti ma jriduhiex. Is-Sur Cassar qal li dahlet personali l-bicca. Is-Sur Spiteri qal li jridu lista ta' regolamenti imma siegha parking bay bejn is-6pm u s-7pm mhi ha ttellef lill-hadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ADT tholl u turbot.

🗁 E-mail minghand Anton Zarb bi prezzijiet differenti ta' *bus shelters*.

🗁 Kwotazzjoni fuq bibien u twieqi ghal Gnien Misrah Kola.

**3. TRIQ IL-MINGEL**

Is-Sur Cordina staqsa kemm ha ndumu f'din il-krucjata u li sfortunatament il-piz waqa' fuqu u ghidtlu bir-rapport li ghamel il-Perit. Tafu li dakinhar kellna laqgha mal-Perit, Albert Borg u l-

kuntrattur. Hu qal li x-xoghol tat-triq hu tajjeb u ghalhekk sar core test u fil-fatt ir-rizultat sar u hareg tajjeb. Is-Sur Cassar qal li din it-triq saret ghax saret pressjoni politika biex din issir. Is-Sur Cordina ta' garanzija, li l-hsieb tal-Kunsill hu li jekk il-kuntrattur ma jaccettax li terga' ssir u galadarba kkuntatjana l-Avukat taghna u ghandna bazi fuq x'hiex niggielduha l-Kunsill ga hareg tender sabiex din issir mill-gdid. Hu qal li din illum trid tinqata' u jiskuza ruhu ghall-inkonvenjent li nholoq. Issa jkomplu jiddiskutuha. Fil-fatt il-Kunsill wasal ghad-decizjoni li ghandu jaghti l-ahhar cans il-Bitmac biex jirrimedja u jekk le issir minn kuntrattur iehor.

**4. APPROVAZZJONI TA' *FINANCIAL STATEMENTS 2009***

Approvati

**5. APPROVAZZJONI TA' PAGEMENTI FRAR 2010**

Gew approvati l-pagamenti Jannar/Frar

**6. APPROVAZZJONI TA' *DRAFT BUDGET***

Is-Sur Spiteri saqsa x'jinkludu l-ammonti ta:
Printing; Is-Segretarja irrispondiet li dan jinkludi mhux biss il-fuljett imma l-kotba tal-bulky, permessi, kotba ta' ricevuti etc u
E-Gov; is-sistema tal-Gvern plus inizjattivi bhall-korsijiet tal-kompjuter etc

**7. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Proposta sabiex kumpanija taghmel brochure informattiv u l-Kunsill ma jiswielu xejn. Proposta accettata. Ha jinghataw lill-membri iktar dettalji

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti

- Jekk il-Kunsill jissussidjax xiri ta' kompjuter jew laptop issa li kollox qed jintbaghat bl-email.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Triq l-Istwiel ghandha bzonn rrangar fil-bankina.
- Triq in-Nutar Zarb hemm hafna konok vojta u biex l-gheruq ma jaqsmux idahhlu katusa fl-art metru u mbaghad l-gheruq jinzlu fil-fond. L-Kunsill ha jikteb lill-ELC.
- Fakkar fuq il-WIFI spots.
- Fakkar fuq Gnien Misrah Kola sabiex jinzerghu xi fjuri staggjonali u jitkompla x-xoghol fuq il-Playground Equipment.
- Staqsa meta se jibda x-xoghol f'Gnien Hal Warda?
- Li Team tal-Volleyball jixtieq jiltaqa' maghna dwar proposti sportivi.
- Saqsa kif sejjer il-progress fil-knis u li ta' min kultant jerga' jwissi naqra.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Talab sabiex tintbaghat ittra l-ADT halli l-lights ta' hdejn il-Windsor, AFS u Zodiac jigu synchronised.
- Ippropona li nibghatu ittri personali fuq iz-zbir tas-sigar issa li harget u ntbaghtet leaflet lill-kulhadd.

**8. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.45pm ghat-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010.

_________________________ _____________________

| Sindku | Data |
| --- | --- |